# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' April, 2001.**

**Numru 2**

**Citaz. Nru. 470/01GV**

**Carmelo Abela Marketing Limited**

**vs**

**Super Master Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' Lm3,357.63 (tlett elef, tlett mija u sebgha u hamsin lira Maltin u tlieta u sittin centezmi) rapprezentanti somma bilancjali dovuta lis-socjeta' attrici ghall-merkanzija konsistenti f'affarijiet tal-ikel (statement anness Dok B) mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta' konvenuta gewwa s-Super Master Discount Store;

Premess illi s-socjeta' konvenuta ghad li giet interpellata sabiex thallas dan l-ammont baqghet inadempjenti, anzi halset parti mill-ammont pretiz permezz ta' cekk li meta presentat il-bank ma giex onorat (kopja annessa Dok C));

Premess ukoll illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta' artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, u l-istanti nomine qrd jannetti ma dan l-att affidavit (Dok. A) a tenur tal-istess artikoli tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici, ghar-ragunijiet premessi talbet lil din il-Qorti:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, b'dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167-170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm3,357.63 (tlett elef tlett mija u sebgha u hamsin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu) rapprezentanti ammont bilancjali dovut lis-socjeta' attrici ghall-merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, tal-mandat ta' qbid numru 844/01 u tal-mandat ta' sekwestru numru 847/01 prezentati kontestwalment u bl-imghax legali mill-20 ta' Ottubru, 2000 data ta' l-ahhar konsenja sal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**